Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum it-8 ta' Gunju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur James Grech)**

**Versus**

**Goran Stojanovski**
**(Macedonia Dok Nru. A2027325**
**Passport Nru. C1039180)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Goran Stojanovski**, karta ta' identita' nru. A2027325 (mahruga nhar is-6.05.2017 u valida sa 05.05.2027) u Passaport nru. C1039180 (mahrug fl-20.07.2018 u jiskadi fid-19.07.2028).

**Akkuzat talli fl-10 t'Awwissu 2018, ghall-habta tal-11.55a.m. gewwa il-Western Union bureau, formanti parti mis-St. Simon Pharmacy f'Dawret il-Gzejjer, (Bugibba) San Pawl il-Bahar, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa:**

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma' jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), liema serq sar ghad-dannu tas-socjeta' UDKA Co. Ltd. u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

**Akkuzat ukoll talli fit-12 t'Awwissu 2018, ghall-habta tal-5p.m. gewwa il-*Corinthia Lido* fix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa:**

2. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma' jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), liema serq sar ghad-dannu ta' Five Stars Hotels Limited (reg. no. C4848) u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

3. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Isaac Buhagiar u lil Philip Abela kontra l-volonta' taghhom, u gew offizi fuq persunthom jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

4. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Isaac Buhagiar u Philip Abela f'periklu car, ikkagunalhom griehi ta' natura hafifa skond ma' iccertifika Dr. Adrian Mifsud M.D. mill-Isptar Mater Dei;

5. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu, fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

**Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fit-12 t'Awwissu 2018, u fil-jiem, kemm qabel u kemm wara, din id-data:**

6. Iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'karta ta' l-identita' Bulgara u/jew f'dokument f'isem Goran Stoyanovski, jew uza jew kellu ghandu l'istess karta ta' l-identita' Bulgara u/jew dokument, li huwa kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;

7. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument/i ohra ffalsifikat, mhux specifikament imsemmija f'artikoli specifici tal-ligijiet relattivi ta' Malta;

8. Iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokument jew registrazzjoni maghmula skond l-Att Dwar L-Immigrazzjoni, Kapitolu 217, tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' l-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217, tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Akkwista, kellu fil-pussess tieghu ghal-liema ghan jkun, zamm jew importa arma regolari u/jew munizzjon, cioe' *pepper spray,* li huwa pprojbit taht l-Iskeda I tal-Kapitlu 480, Att Dwar L-Armi, tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Finalment, akkuzat ukoll, talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi

definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati fir-Repubblika tal-Macedonja.

Rat l-Artikoli pprezentati fit-22 ta' Frar 2021, (esebiti *a fol*. 510 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-Artikoli 261, 261(a), 261(b), 261(c), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 276, 277(b), 278(1), 278(2), 279(a), 280(2), 284, 285, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikoli 261, 261(a), 261(b), 261(c), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 276, 277(b), 278(1), 278(2), 279(a), 280(2), 284, 285 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-Artikoli 86, 87(1)(c), 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-Artikoli 214, 215, 221(1), 221(2) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-Artikoli 55(a) tal-Att Dwar L-Armi, Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Passaporti, tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fl-Artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Fl-Artikolu 32(1)(d) tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Fl-Artikolu 32(1)(f) tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Fl-Artikolu 3(a) u 51(1)(b) tal-Att Dwar L-Armi, Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Fl-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fil-15 t'April 2021 l-Ufficjal Prosekutur informa lil Qorti li ma' kellux aktar provi xi jressaq u rrileva li minkejja li kienu intbaghtu l-ittri rogatorji, kif tradotti fil-lingwa Macedonjana lill-awtoritajiet tal-Macedonja dwar sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat, il-Prosekuzzjoni qatt ma rcevew risposta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-15 t'April 2021, wara li nqraw l-Artikoli l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti hekk kif preseduta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat ir-relazzjonijiet tad-diversi esperti li gew mahtura fl-inkjesta fosthom Dr Martin Bajada bhala espert tekniku, PC 302 Bryan Alken, PS836 Matthew Paris u PC160 Jurgen Schembri bhala *Scene of Crime Officers* u Dr. Marisa Cassar bhala espert tad-DNA, kif ukoll ix-xhieda migbura fl-istess inkjesta.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-17 t'April 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi nhar it-28 ta' Frar 2019, xehed l-iSpettur James Grech[1] fejn qal illi fit-12 ta' Awwissu 2018, waqt illi kien xoghol mas-CID kien gie nfurmat illi kienet sehhet serqa fil-Corinthia Lido San Gorg, San Giljan fejn ragel kien dahal fl-ufficcju, w'uza *pepper spray* fuq zewg impjegati u seraq madwar €250. Ix-xhud qal illi kien ra *CCTV footage* mal-Manager tal-IT, Aaron Galea, u fil-*camera* numru 11 deher l-imputat li kien liebes top bil-kmiem u bermuda blu, kellu baskett tal-irgiel, *baseball cap* u nuccali u li kien qieghed jitlajja vicin tal-ufficcini u juza mobajl bejn l-4.39pm u l-4.52pm. Kien hemm persuna ohra li kien liebes malja orangjo, b'xaghru mqaxxar, bin-nuccali u baskett tal-irgiel. Fic-CCTV deher l-ewwel persuna diehel fl-ufficcju, fejn ftit wara jitlaq jigri 'l barra minghajr il-beritta u n-nuccali. Jidher li fit-tarag li jaghti ghat-triq, kien hemm kommossjoni bejn l-impjegati Isaac Buhagiar u Philip Abela li bdew jippruvaw izommu lil dan ir-ragel, izda dan xorta rrnexxielu jahrab ghax uza *spray*. Ix-xhud

[1] Fol. 18a et seq.

pprezenta c-certifikati medici tal-impjegati, mill-isptar, immarkati Dok JG 1 u Dok JG2 li kien hareg Dr. Adrian Mifsud. Il-*cameras* bin-numru 8, 9, 15 u 17 juru l-aggressur jahrab bil-mutur. Il-persuna l-ohra tal-malja orangjo, deher jitlaq bil-mixi lejn il-bajja ta' San Gorg. Bl-ghajnuna tal-Wardens, segwew il-mutur bil-*cameras*, li kien saq lejn tas-Sliema, fejn waqaf hdejn l-HSBC Bank fi Triq it-Torri. Ix-xhud qal illi peress li kien jaf illi l-iSpettur Joseph Mercieca kien qieghed jinvestiga kaz ta' serqa, fejn il-persuna li kellu parrokka, kien jixbah il-persuna tal-malja ornagjo u kien intuza mutur, bdew ifittxu l-mutur bin-numru RQZ223. Izda mill-informazzjoni li nghataw minghand Sean Vella ta' Baron *Car Hire*, irrizulta li l-mutur kien qieghed jigi rritornat dak il-hin stess. Ix-xhud mar mill-ewwel fuq il-post, izda sakemm wasal, il-persuna kienet gja telqet. Ix-xhud qal illi hu ra l-footage tal-Baron *Car Hire*, fejn il-persuna li rritornat il-mutur, kienet tixbah il-persuna li kienet ghamlet is-serqa fil-Corinthia Lido u nnota li kellu tattoo fuq l-id ix-xellugija. Sean Vella infurmah li kien l-istess persuna li kien kera l-mutur xi granet qabel u li kien halla d-dettalji tal-licenzja tas-sewqan tal-Bulgarija. Wara li x-xhud informa l-Magistrat tal-inkjesta tal-10 ta' Awwissu 2018, li setghu kienu relatati, hu ha l-helmet minghand Baron *Car Hire*, li kien uza Goran, l-imputat, u mill-lido giet elevata l-*baseball cap* u n-nuccali li kien halla warajh l-aggressur, li jidhru fir-ritratti bin-numru Dok JG3 u Dok JG4 li dehru fil-*footage* ta' Caviar and Bull, li huwa faccata fejn sehhet is-serqa. Fir-ritratt JG3 jidher l-aggressur bil-beritta u n-nuccali, miexi lejn l-ufficcju u JG4 jidher l-aggressur hiereg jigri minghajr il-beritta u n-nuccali. Inharget IAW u EAW fil-konfront ta' Goran, u fis-26 ta' Dicembru 2018, gew infurmati li l-persuna kienet giet arrestata fil-Polonja u ngieb lejn Malta fil-15 ta' Frar 2019. Meta wasal Malta, saret tfittxija fil-bagalja tieghu fejn instabet malja, *t-shirt* sewda u *slipper* li huma simili ghal dawk li kien hemm fil-*footage* tal-Baron *Car Hire*, kif ukoll *runners* suwed li huma simili ghal dawk li dehru fil-*footage* ta' Corinthia Marina, li gew elevati. Ix-xhud ipprezenta l-ircevuta taghhom immarkata bhala Dok JG5. Dok JG6 u JG7 huma ritratti tal-hwejjeg elevati u Dok JG8 huma l-hwejjeg elevati. Fis-16 ta' Frar 2019, hu u l-iSpettur Mercieca nterrogaw lill-akkuzat, li kien qieghed jaghraf fl-awla, fejn dan gie muri ritratti JM 3 sa JM7, u Goran ammetta li kien kera mutur u li kien fl-inhawi tal-Lido tal-Corinthia, izda qal illi dak kien argument u mhux serqa, u l-imputat kien iffirma l-istqarrija. Ix-xhud kien ghadda s-*CCTV footages* lil Dr Martin Bajada, u l-*helmet*, nuccali u *baseball cap* lil Dr Marisa Cassar fl-14 ta' Awwissu 2018. Fil-kontro ezami, x-xhud qal illi l-arma li ntuzat kienet *spray* li jaqa' taht armi, izda dan lis-*spray* ma nstabx. L-impjegati ma identifikawx lill-aggressur, imma kkonfermaw li l-persuna

li kienet dahlet l-ufficcju, kienet bil-beritta u nuccali, u waqt l-konfront ta' bejniethom kienu waqghulu. Hadd ma dahal gewwa dak il-hin minhabba fl-i*spray* izda l-ghada, l-istess haddiema kienu marru biex inaddfu u kienu qalu lix-xhud li sabu l-beritta u n-nuccali hemm, u hu kien mar fuq il-post biex jelevahom. Ix-xhud kompla jghid illi kien hemm zewg persuni, wiehed ghamel is-serqa u l-iehor qaghad jitlajja, u fl-10 t'Awwissu l-persuna li ghamlet is-serqa kienet dik li kienet qed titlajja fit-12 t'Awwissu u l-persuna l-ohra ghamlet is-serqa. Mis-*CCTV camera* l-persuna li dehret kienet l-istess ghalkemm kienet bil-parrokka. Ix-xhud kompla jghid illi meta gabar il-*helmet* tal-mutur minghand Baron *Car Hire*, din tidher fil-*camera* taghhom, u ma kien uzaha hadd izjed, ghax dan kien nofs siegha wara s-serqa. Ix-xhud qal illi hu kien fittex fil-bagalja ta' Goran kif gie lura Malta u dan kien fi Frar 2018, seba' xhur wara s-serqa, izda l-flus li insterqu ma nstabux.

Illi xehed ukoll l-iSpettur Joseph Mercieca[2], fejn qal li fl-10 t'Awwissu 2018, f'xi 11.50am, Rachel Camilleri, cemplet lill-*Control Headquarters* biex tirrapporta li saret serqa mill-*Western Union Bureau*, li tinsab ma' genb spizerija. L-aggressur kien uza xi *spray* biex jimmobilizza l-*cashier* tal-*bureau*, Claire Privitera, u kien harab u mar fi Triq Santa Marija. Hu mar fuq il-post fejn sab lil Claire Privitera vizibilment ixxokkjata u gabulha Ambulanza u haduha l-isptar, fejn Dr. Leanne Falzon iccertifikatha li kellha griehi ta' natura hafifa fuq minkbejha tal-lemin, liema certifikat gie pprezentat minnha stess fl-inkjesta. Ix-xhud kompla jghid li gie mitkellem John Vella, direttur tal-UDKA Company Ltd, u minn *CCTV footage* dehret persuna li kien liebes parrokka, li dahal fl-ispizerija fil-11.24am u hareg wara minuta u rega' dahal u ghamel kwarta. Saqsa lill-ispizjara ghal xi medicina bl-isem Analgin. Rega' hareg u rega' dahal u wettaq s-serqa, fejn hataf il-flus li kienu go *tray* tal-plastik li kienu jammontaw ghal €400 float u €1,903.31 fi tranzazzjonijiet, u harab fil-11.54am. Gauci semghet il-kollega taghha twerzaq, u x'hin ressqet in-naha ta' wara rat l-aggressur hiereg jigri mill-bieb ta' quddiem u hi hatfitlu l-gakketta minn wara. Kien hemm persuna ohra Piscopo, li kien fit-triq u ra kommossjoni u mara tghajjat biex iwaqqfu lil din il-persuna u hu pprova jwaqqaf l-aggressur li sprajjalu xi haga. L-aggressur irnexxielu jahrab fuq mutur iswed, li kellu sticker tal-*Car Hire*, li kien misjuq minn persuna ohra, li kien innota li kien hemm xi 20 minuta qabel. Ix-xhud kompla jghid illi kienu tkellmu ukoll ma' Sebastiano Cirilla li kien qieghed fil-haunt fil-kantuniera, li kkonferma dak li kien qal Piscopo. Minn *CCTV footage* jidher li l-aggressur

[222] Fol. 18j et seq.

kien irqiq, twil xi sitt piedi u kien liebes parrokka. Ix-xhud qal illi hu kien ra *CCTV*'s ohra fit-toroq minn fejn setghu harbu l-aggressuri, u fil-*camera* ta' *Compass Car Hire* deher il-mutur. Setghu jiddentifikaw in-numru 223, parti min-numru tar-registrazzjoni, b'zewg persuni, fejn l-aggressur kien minghajr parrokka u minghajr helmet u dehret tpingija fuq idu x-xellugija. Peress illli huma kellhom in-numru tar-registrazzjoni tal-muturi, li kienu krew *Baron Car Hire*, minhabba fl-inkjesta tas-serqa li saret fil-Lido ta' San Gorg Corinthia jumejn wara, setghu iqabblu ma' l-uniku mutur li kien jispicca b'dawn in-numru li kienu RQZ 223, li kien intuza ukoll f'din is-serqa. L-iSpettur James Grech kien qieghed jinvestiga is-serqa tal-Lido, u Sean Vella tal-*Baron Car Hire* kien infurmah li l-mutur kien inkera minn Goran Stojanovski li kien indika indirizz f'tas-Sliema, u kellu jigi rritornat fit-13 ta' Awwissu 2018, izda kien gie irritornat gurnata qabel. Kien tah numru tal-mobile u mill-*call profile* ta' dan il-mobile li intuza bejn it-8 u 13 ta' Awwissu 2018, kien hemm numru tal-mobile li mieghu kien hemm kuntatt spiss, u l-Pulizija ghamlet kuntatt ma' dan in-numru fejn persuna jismu Grubak, ikkonferma li kien kellem lil imputat u li kien kera l-post fi Triq Qui Si Sana tas-Sliema minn agent Tigiana Dortevich li kkonfermat dan il-fatt. Hu kien mar l-ajruport filghaxija, izda mill-footage ma ra hadd li kien jixbah din il-persuna. Huma kienu gew infurmati permess ta' email bil-lingwa franciza, immarkata Dok JM1, li li d-dokument bin-numru 18739178 kienet falza. Kommunikazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-Macedonia kkonfermaw illi kellhom dettalji ta' persuna bl-isem Goran Stojanovski u r-ritratt kien jaqbel mar-ritratt uzat fid-dokument tal-identita. Gew identifikati zewg mobiles li ntuzaw bin-numru lokali u wiehed minnhom kien f'isem l-imputat fil-Polonja f'Dicembru 2018. L-imputat ingib Malta b'estradizzjoni fil-15 ta' Frar 2019 u gie interrogat l-ghada, minnu u mill-iSpettur James Grech, fejn kien ikkonsulta ma' Dr Noel Bartolo, l-avukat tal-ghajnuna legali. Hu kien qieghed jipprezenta CD tal-interrogazzjoni mmarkat bhala Dok JM2 u *screen grabs* minn CCTV cameras differenti mmarkati Dok JM 3 sa JM7 fejn tidher il-firma tal-imputat. L-imputat kien assistit mill-interpretu u ammetta li kien qieghed jsuq il-mutur minghajr licenzja izda ma' kkoperax. Dok JM 8 huwa l-licenzja tas-sewqan tar-Repubblika tal-Macedonia. Fil-kontro ezami, l-iSpettur Mercieca kkonferma illi kien hemm erba' persuni fl-ispizerija, fosthom Bugeja li kienet cemplet lil Pulizija, u l-cashier Privitera, izda hadd ma' kien iddentifikal lill-akkuzat, ghax l-aggressur ma' kienx l-imputat, fil-fatt l-imputat kien qieghed jistenna l-agressur barra fuq il-mutur. B'referenza ghaz zewg persuni Piscopo u Cirilla li raw lil agressur jigri l-barra, ebda wiehed minn dawn

il-persuni m'identifikaw il-persuni, imma taw deskrizzjoni tal-mutur li ntuza biex jaharbu minn fuq il-post. Huma kienu ddentifikaw il-mutur ghax kienu raw in-numru 223 minn CCTV footage tal-Compass Garage, u l-uniku mutur li kellu dawn in-numru kien dak bl-ittri RQZ.

Illi xehdet Maria Ruth Ciantar[3], deputat registratur tal-Qorti, fejn qalet li kienet irceviet il-process verbal tal-inkjesta li kien qieghed jigi pprezentat w inserit fil-process.

Illi xehed Stephen Cachia[4] mit-Transport Malta li pprezenta Dok TM1 li hija ricerka li ghamel fuq il-mutur ta' lewn iswed RQZ 223 fejn is-sid jidher li huwa Sean Vella ta' Little Car Centre.

Illi xehed PL Quentin Tanti[5] in rapprezentanza tar-Registru tal-Kumpaniji li pprezenta Dok QT1 u QT2 li huma Memodandum & Articles ta' zewg kumpaniji 5 Star Hotels Limited u Udka Company Limited.

Illi xehed PS 156 Ivan Attard[6], fejn qal li nhar it-12 ta' Awwissu 2018, gew infurmati li kien hemm serqa mill-Lido Corinthia Hotel. Hu mar mal-kollegi tieghu fejn gie avvicinat minn Isaac Buhagiar u Philip Abela li kienu impjegati mall-Lido. Qalulu li ftit qabel, waqt illi kienu qeghdin jippreparaw biex jaghlqu l-cash, kien dahal ragel fil-kamra taghhom li iddiskrevew bhala twil ta' karnaggjon abjad, liebes flokk griz u haversack, u talabhom il-flus u hareg *pepper spray* u sprajjalhom fid-direzzjoni taghhom u ghalkemm ippruvaw izommuh, l-aggressur harab bil-flus. Hu kien informa lill-iSpettur Trevor Micallef li kien l-iSpettur ta' San Giljan, u pprezenta r-rapport mmarkat Dok 1A1.

Illi xehed PC 1491 Kurt Attard[7], fejn qal illi kien gie nkarigat mill-Magistrat Stafrace Zammit biex jiehu ritratti wara serqa li kienet saret fil-Lido ta' San Gorg Corinthia, u waqt illi kien hemm kien gie infurmat sabiex jiehu ritratti ukoll ta' mutur bin-numru RQZ 223 li setgha kien intuzat biex jaharbu minn serqa. Ix-xhud qal li kien ha 24 ritratt u kien qieghed jipprezenthom flimkien ma' rapport li gew immarkati Dok KA1.

Illi xehed Isaac Buhagiar[8], fejn qal illi fis-sajf tal-2018, kien jahdem bhala kaxxier fil-Lido San Gorg Corinthia ma' Philip Abela. Fl-ahhar tal-gurnata

---

[3] Fol. 46 et seq.
[4] Fol. 58
[5] Fol. 60
[6] Fol. 62 et seq.
[7] Fol. 65 et seq.
[8] Fol. 69 et seq.

kienu dahhlu fl-ufficji biex jghoddu l-flus u f'xi l-5.00pm kienet dahlet persuna li kie fih ragel u liebes malja qasira, beritta sewda u haversack iswed fl-ufficju, ghalaq il-bieb u talabhom il-flus. X'hin huma ma' tawhomlux, dan uza l-*pepper spray* f'ghajnejhom u huma qamu minn bilqeghda u qamet kommossjoni, u marru jigru warajh, fejn dan ir-ragel kien hataf il-flus, izda kien hemm hafna muniti mal-art, izda huma sabu bejn €400 u €500 neqsin. L-ghada innutaw il-beritta, u x-xhud qal li jahseb li kien hemm ukoll nuccali tax-xemx li waqghu lil agressur fil-konfuzjoni, u wara gabruhom il-Pulizija. Ix-xhud indika l-imputat bhala l-aggressur fl-awla fejn gharfu mill-istatura tieghu imma mhux mill-wicc. Mir-ritratti tar-rapport KA1, ix-xhud spjega li ritratt numru 101 huwa l-entratura ghal Lido, 102 fejn tinzel bit-tarag u jzommu l-flus, 103 fejn hareg l-agressur u telaq jigri mit-tarag. Ritratt 104 huwa l-bieb tal-ufficju taghhom u t-telgha ghal-lukanda, 105 l-ewwel bieb tal-ufficju taghhom, fejn jidher ukoll it-tieni bieb aktar il-gewwa li jidher fir-ritratt 106 flimkien ma' parti mill-ufficju taghhom li tidher fuq il-lemin. 107 huwa fejn grat il-kommossjoni, u jista' jkun tidher anke il-beritta, 108 jidhru s-siggijiet maqlubin, 109 jidher l-ufficju bil-flus imxerdin ma' l-art, 111 huwa l-post wara l-bieb li jzommu l-ilma u l-kafe u nuccalijiet li jbieghu. In-nuccali li jidher mal-art hdejn il-bieb jista' jkun tal-imputat imma ma' kienx cert. Gie muri dokument *a fol.* 30 b'4 stills, li ttiehdu mis-CCTV ta' Caviar and Bull, fejn indika li l-ewwel ritratt huwa meta l-agressur nizel, u t-tieni wiehed meta harab, u kien hemm persuna li kien gera warajh ghax hu kien gera warajh sat-tarag. Siehbu kien ghajjat ghall-ghajjut, imma hu ma' kien qal xejn ghax kien taht xokk, u wara kien mar Mater Dei biex jezaminawlu ghajnejh u hargulu certifikat li kien Dok JG1. Kienu qalulu li kien hemm xi argument fl-upper lido imma hu ma' kien ra xejn.

Illi xehed John Grech[9] li jahdem bhala Security Manager fil-lukanda Corinthia San Gorg, fejn qal li l-ammont li nsteraq kien €595 u kien qieghed jipprezenta claim ma' Gasan Mamo, Dok CG1 li kienet ghadha miftuha ghax ma kienux ghadhom thallsu.

Illi xehed PS 826 Matthew Parnis[10] fejn qal illi b'referenza ghal Dok MPF *a fol.* 85, hu kien gie nnominat bhala Scene of Crime Officer ma' PC302, fil-25 ta' Awwissu 2018, biex jiehu ritratti mix-xena tar-rejat u kienu hadu 38 ritratt, fejn ix-xhud indikhom bhala hold up f'St. Simon Pharmacy, ghax

[9] Fol. 80 et seq.
[10] Fol. 83 et seq.

il-fond Western Union huwa accessibli mill-istess spizerija. Ritratti ohra gew indikati bhal Baron Car Hire fil-granet sussegwenti.

Illi fil-25 ta' Lulju 2019 xehed PS 186 Christian Mintoff[11] li pprezenta rapport mahluf mmarkat bhala Dok CM1 wara li kien nnominat fl-inkjesta tal-Corinthia Lido fit-12 ta' Awwissu 2018, biex jiehu fingerprints.

Illi xehed Philip Abela[12], fejn qal li fis-sajf tal-2018 hu kien jahdem ta' kaxxier u fit-12 ta'Awwissu 2018, waqt illi kien xoghol ma' Isaac Buhagiar, u f'xi 5.15pm dahlu fl-ufficju u bdew jghoddu l-flus biex jaghlqu, kien dahal ragel li kien naqra itwal minnu u li gharaf fl-awla bhala l-imputat, ghalaq il-bieb u talabhom il-flus u beda jisprejja l-*pepper spray*. B'referenza ghal Dokument *a fol.* 30 mmarkat bhala Dok JM3, jidher l-imputat diehel fil-Corinthia, liebes beritta, nuccali u flokk bil-kmien twal u fit tieni ritratt jidher hu stess jigri wara aggresur u fit-tielet ritratt l-imputat jidher jigri biex jahrab. L-imputat ha xi €600 mill-flus li kellhom fuq il-mejda biex jghodduhom. Hu ipprova jigri wara l-agressur izda kellu jieqaf ghax ghajnejh bdew jaharquh. Fil-fatt wara, ittiehed l-isptar biex jezaminah specjalista u kien hariglu certifikat. L-ewwel ritratt *a fol.* 153 turi l-entratura ghal Lido, ir-ritratti segwenti juru l-akwati tal-ufficju taghhom, u fir-ritratti 106 u 107 jidher l-ufficju minn gewwa, ritratti 108 u 109 turi s-siggijiet maqlubin, flus u karti mal-art, jinnota l-beritta li kien liebes l-aggressur. Fl-ufficju kien instab helmet li ma' kienx tieghu jew tal-kollega tieghu u ghalhekk peress illi ma' jidhol hadd fl-ufficju, skond hu kienet tal-agressur. Ix-xhud ikkonferma illi ritratt 112 hija dehra generali ta' gewwa tal-ufficju fejn jidhru l-ircevuti u l-flus imxerrdin.

Illi xehed PS 426 Anthony Portelli[13], li b'referenza ghal Dok JG5 *a fol.* 26, gharaf il-firma tieghu u ta' l-imputat, wara li kien ghamel tfittxija fil-bagalja ta' Goran Stojanovski fil-prezenza tal-iSpettur James Grech meta l-imputat ingieb Malta fis-16 ta' Frar 2018 b' EAW, u elevaw xi hwejjeg. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat nghata l-ircevuta li tindika l-affarijiet li gew elevati, w ittiehdu ritratti taghhom li jidhru *a fol.* 27 u 28.

Illi xehed Shaun Vella[14] fejn qal illi hu kellu negozju tal-car hire u scooter hire, u f'Awwissu 2018 kien mar Goran Stojanovski biex jikri mutur, fejn ix-xhud gharaf l-imputat fl-awla. Il-Pulizija kienu marru ftit wara u talbuh il-kuntratti tal-muturi li kellu mikrijin barra fejn ix-xhud ipprezenta kopja

[11] Fol. 136 et seq.
[12] Fol. 138 et seq.
[13] Fol.147 et seq.
[14] Fol. 150 et seq.

tal-agreement li ghamel mal-klijent, il-persuna li kriet l-iscooter, mmarkat Dok SV1. Ix-xhud qal illi hu kien gja ghadda l-kuntratt originali lil Pulizija u l-kopji tal-licenzja tas-sewqan, u kopja tal-karta tal-identita u l-helmet. Id-dettalji tal-klijent bhal isem, indirizz u numru tal-mobajl imlihom il-klijent, u wara hu mela d-dettalji tal-iscooter, prezz u dettalji ohra u hemm il-firma tieghu fuq ix-xellug u tal-klijent fuq il-lemin. Hu qabbel l-isem u d-data tat-twelied li nkiteb mad-dettalji tal-licenzja. Ix-xhud gie muri sett ritratti mmarkati JM4, u x-xhud ikkonferma li qed jaghraf fejn jidher l-ufficju u l-garaxx tieghu, ritratt 105 jidher l-iscooter li kien kera lill-imputat, 125 sa 129 hemm kaxxa bis-sticker tal-car hire, bin-numru tal-telefon fuq wara biex jinzammu l-helmets li jinghataw mal-kiri tal-mutur li fiha buttuna biex tkun tista' tinqala l-kaxxa. Ix-xhud kompla jghid illi l-istiker gieli tkun mwahhla ukoll fuq quddiem jew mal-genb ta' lis-scooter. L-helmet kienet giet irritornata ma' lis-scooter, u wara haduha l-Pulizija. Ix-xhud ikkonferma li l-helmets tieghu huma bhal dak li hemm fir-ritratt *a fol.* 31. *A fol.* 135 jidher in-number plate ta' lis-scooter IQZ223, li kien tal-ghamla Soho 135, u nkera mid-9 ta' Awwissu 2018 sat-13 ta' Awwissu 2018, izda ma' jiftakarx meta gie rritornat mill-istess klijent, izda kien avvza lil Pulizija kif gie ritornat. Wara li avzahom kienu marru l-Pulizija u hadu xi ritratti u fingerprints u CCTV footage. Ix-xhud gie muri dokument immarkat JM8, fejn qal illi kienet licenzja tas-sewqan fl-isem Goran izda ghalkemm l-isem kien jaqbel, id-dettalji bhal data tat-twelied ma' kienux l-istess.

Illi fit-3 ta' Ottubru 2019 xehed Joseph Mallia[15] fejn qal illi *seduta stante* kien ha l-impronti digitali ta' Goran Stojanovski, kif ukoll ipprezenta *fingerprint paint form* immarkat Dok JS1[16] u l-marki tal-pali tal-idejn ta' l-imputat immarkat Dok JS2 fejn ix-xhud qal li kellu bzonn jirtira dawn iz-zewg dokumenti, kif ukoll r-rapporti *a fol.* 31 u *fol.* 40 li fihom impronti digitali.

Illi xehdet ukoll Dr Marisa Cassar[17] fejn qalet illi kienet ser tiehu kampjuni orali tal-imputat.

Illi xehdet WPC 264 Gabria Gatt[18] fejn qalet illi fl-10 t'Awwissu 2018, ghal habta ta' 11.55am kienet giet infurmata li kienet saret serqa minn go ufficju tal-Western Union li jinsab gewwa l-ispizerija, u l-persuna kienet

---

[15] Fol. 199 et seq.
[16] Fol. 177 et seq.
[17] Fol. 206
[18] Fol. 197 et seq.

harbet bil-mutur. Hi marret fuq il-post u baghtet karrozza tal-Pulizija iddur l-akkwati sabiex tfittex il-mutur. L-entratura ghan-nies qieghda l-barra, imma l-istaff jidhlu mill-ispizerija. Ix-xhud kompliet tghid li hi tkellmet mal-vittmi, izda wahda minnhom, Claire Bugeja, kienet taht xokk u gabulha l-ambulanza. Ix-xhud ipprezentat rapport mmarkat Dok GG1.

Illi xehed Dr. Adrian Mifsud[19], fejn gie muri zewg dokumenti *a fol.* 22 u 23, li huma JG1, fejn ix-xhud ikkonferma illi hu certifikat mediku ta' Isaac Buhagiar li kien rah Mater Dei u li dan kellu irritazzjon f'ghajnejh li tigi b'irritazzjoni b'xi kimika, li x-xhud kkonferma setat kienet ikkagunata bil-*pepper spray,* u certifikat JG2 li x-xhud stess hareg fuq Philip Abela li kellu l-istess haga. Ix-xhud ikkonferma illi kien ra lil dawn iz-zewg persuni go Mater Dei fit-12 ta' Awwissu 2018 bejn 6.10pm u 6.20pm.

Illi fis-7 ta' Novembru 2019 xehed Dr Lennox Vella[20] fejn ikkonferma illi kien espleta l-inkarigu tieghu u pprezenta traskrizzjoni tal-interrogazzjoni ta' l-imputat, kif ukoll traduzzjoni taghha ghal-lingwa Maltija mmarkat Dok LVX1, fejn irritorna CD mmarkata Dok JM2 *a fol.* 29.

Illi xehed l-iSpettur Nicholas Vella fejn ikkonferma l-firma tieghu fuq ir-rapport li jinsab *a fol.* 7 tal-PV, dwar serqa li saret minn St. Simons Pharmacy gewwa San Pawl il-Bahar fl-10 t'Awwissu 2018.

Illi reghet xehdet Dr. Marisa Cassar[21], fejn qalet illi mill-analizi ta' komparazzjoni bejn il-profil genetiku ta' Goran Stojanovski u profil genetiku li hareg mill-helmet u mill-*baseball cap*, fiz-zewg inkjesti differenti, hemm profili li jaqblu, izda statikament ma' jistax jigi kkonfermat li l-profile huwa tieghu. Ix-xhud ipprezentat zewg rapporti mmarkati Dok MCX1 u fdal ta' swab immarkat Dok MCX2.

Illi xehed Antoine Piscopo[22] fejn qal illi f'Awwissu 2018, x'hin wasal San Pawl il-Bahar, f'xi 1.30pm, ra persuna qawwi u qasir, fil-kantuniera fuq in-naha tal-lemin tad-dar tieghu fi Triq San Xmun. Hu beda jhott l-ghodda mill-vann u jdahhal l-ghodda gewwa, ghax m'ghogbux dak il-persuna f'dak il-hin sema' xi twerzieq mix-xatt. F'daqqa wahda sab persuna twila ma' wiccu, li fil-fatt sprejjalu l-*pepper spray* f'wiccu u telaq jigri bil-mutur, li kien scooter tal-kiri tal-Baron, lejn il-pjazza ta' Bugibba. Hu pprova

[19] Fol. 201 et seq.
[20] Fol. 211
[21] Fol. 215
[22] Fol. 217

jwaddablu b*ollard* imma ma' lahqux. Ix-xhud iddentifika l-imputat bhala l-persuna li sprajjalu l-*pepper spray,* ghalkemm dak in-nhar kien liebes maskra, fejn l-imputat rikeb mall-persuna li kien hemm fuq il-bankina li kellu l-helmet f'idejh. Ix-xhud qal illi hu ma' kienx mar ghand tabib ghax ghalkemm l-imputat kien laqtu bil-pepper spray, hu kien mohhu biex jmur jaghti l-konkos. Ix-xhud gie muri ritratti *a fol.* 105 sa 112 fil-Process Verbal, tal-mutur, u hu gharaf il-mutur minhabba l-isticker, izda ma' ftakarx li kellu kaxxa fuq wara u ma' ftakarx in-numru tar-registrazzjoni.

Illi fis-16 ta' Jannar 2020, xehed Dr Martin Bajada[23], fejn qal illi kien gie nnominat fl-Inkjesta u kien ipprezenta rapport mmarkat Dok MB1, wara li kien ghamel *downloads* mill-footage tal-Western Union u car hire li jinsabu Bugibba u biex jisma' xhieda u jigbor dokumenti, u kien mghoddi wkoll CCTV footage minghand l-iSpettur James Grech. Dr. Martin Bajada rega' xehed fis-17 ta' Settembru 2020 fejn qal illi kien gie nnominat fl-inkjesta sabiex jigbor ix-xhieda waqt illi kien qieghed jaghmel CCTV *downloads,* u pprezenta kopja tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda ta' Claire Bugeja, Jacqueline Gauci, Rachel Camilleri, John Vella, Sebastiano Crinna, Antonio Piscopo u Sean Vella skond il-lista ta' quddiem fid-dokument immarkat Dok MB1.

Illi rega' xehed Joseph Mallia[24], fejn qal illi fis-seduta tat-3 t'Ottubru 2020 kien ha kopja ta' l-impronti digitali ta' Goran Stojanovski li kienu immarkati GS1 u GS2 u kien hemm rapport ta' impronti digitali immarkati Dok GS (*a fol.* 40) u rapport iehor Dok BA, fejn hu kien nnominat biex jaghmel ezami komperattiv bejn dawn l-impronti u dawk ta' Stojanovski. Hu kien qieghed f'pozzizzjoni li jesebixxi r-rapport tieghu li rrizultaw fin-negattiv, u kien qieghed jipprezenta rapport mmarkat bhala Dok JM1 u irritorna d-dokumenti mmarkati Dok JS1, JS2, JS u BA[25].

Illi fid-9 ta' Lulju 2020, xehdet Dr Leanne Falzon[26], fejn qalet illi kienet harget certifikat li pprezentat u gie mmarkat bhala Dok LF1, wara li fl-10 t'Awwissu 2018, kienet rat lil Claire Privitera, li kellha ftit brix man-naha t'isfel tal-ghajn tal-lemin, u hi ccertifikat l-griehi bhala hfief. Illi x-xhud ikkonfermat illi ma' regghetx rat lil Claire Privitera wara dakinhar.

---

[23] Fol. 404
[24] Fol. 407
[25] Fol. 354
[26] Fol. 423

Illi xehed Aaron Galea[27], IT Manager Corinthia San Gorg, f'San Giljan fejn qal illi kien ikkuntatja lis-security biex jzommu l-footage tac-CCTV u hu kien issevjah fuq il-*hard disk*, fejn dan inghata lil Pulizija, u hu kien ra parti minnu fejn deher ragel bil-*baseball hat* izda ma jiftakarx x'kulur kien. Ix-xhud gie muri dokumenti immarkati Dok PD1, PD2 u PD3 li jifformaw parti minn dokument mmarkat MB1, fejn ix-xhud ikkonferma li huwa parti mill-video li kien hareg minn fuq CCTV u gharaf lir-ragel bil-*baseball cap*.

Illi xehed Steward Chappell[28] fejn qal illi huwa l-General Manager tal-Corinthia Hotel San Gorg, ghal dawn l-ahhar disa' snin u 5 Stars Hotel Limited kienet il-kumpanija li tmexxi l-lukanda. Hu kien gie nfurmat dwar l-incident li sehh fit-12 t'Awwissu 2018, dakinhar filghaxija, u kien mar biex jara liz-zewg impjegati li ma' jiftakarx x'kien jisimhom, fejn dawn kienu qalulu li kienu insterqu bejn €200 u €300 ghax hafna mill-flus kienu gja ittiehdu fis-*safe*.

Illi fis 26 ta' Jannar 2023 rega' xehed Antoine Piscopo[29] in contro esame, fejn qal illi hu jahdem bhala kuntrattur tal-bini u dakinhar kien qed jsir xoghol fid-dar tieghu stess. Peress illi t-triq kienet maghluqa, kellu jipparkja l-vann fil-kantuniera, u ra ragel hdejn il-mutur, u ghalhekk hu beda jhott l-ghodda meta sema' twerzieqa u hares l-isfel. Ra ragel twil gej jigri liebes parrokka hamra, li gharfu fl-awla bhala l-imputat, u dan rikeb fuq mutur wara persuna li kien qasir u qawwi, liema persuna li hu kien innota, li qabel kien bil-qieghda hdejn il-mutur ipparkjat fil-kantuniera. Ix-xhud qal illi hu pprova jwaqqaf ir-ragel it-twil tal-parrokka bil-barrier l-hamra, izda dan sprejjalu l-pepper spray. Ix-xhud qal illi ma' jiftakarx x'kien liebes tal-parrokka, izda ma' ralux wiccu izda rega' ikkonferma illi qed jgharfu bhala l-imputat fl-awla.

Illi fit-2 ta' Frar 2023 regu xehedu Philip Abela u Isaac Buhagiar in *contro esame*. Philip Abela[30] qal illi waqt illi kienu qeghdin jaghlqu l-flus kien dahal ragel, li gharaf bhala l-imputat b'certezza fl-awla, fl-ufficju taghhom, li kellu nuccali tax-xemx u beda jitlobhom il-flus. Dan ir-ragel sprejjalhom spraj f'ghajnejhom u hebb ghalihom bil-ponn u ha l-flus mill-mejda u harab jigri. Ix-xhud qal illi ma' jafx kemm ezatt kemm ha flus l-imputat, izda bejn €500 u €700. Kien hemm CCTV footage tar-restaurant

---

[27] Fol. 426
[28] Fol. 432
[29] Fol. 626A et seq.
[30] Fol. 639 et seq.

tal-faccatta, u s-sid tar-restaurant kien qallu li l-imputat deher car jahrab izda hu ma' kienx ra il-footage

Illi Isaac Buhagiar[31] qal illi hu u Philip kienu dahlu fl-ufficju biex jghoddu l-flus u persuna ta' statura kbira, ghax kien mibni, kien dahal fuqhom u talabhom il-flus, u li dan kien liebes shorts u kellu nuccali u beritta. L-ghada kien instab jew il-beritta jew in-nuccali tieghu fil-post. Ix-xhud kompla jghid li dan ir-ragel sprejjalhom pepper spray u nqalghet kommossjoni, u dan ir-ragel hataf il-flus, imma ma' kienx ha kollox, ghax kien hemm hafna flus ma' l-art, u hu ma' jafx kemm kien hemm. L-ispray lilu affettwah hafna aktar minn Philip ghax hu ma' kellux nuccali .

Illi fis-17 t'April 2023 l-imputat Goran Stojanovski ghazel li jixhed, fejn qal illi fil-gurnata msemmija, hu qatt ma' mar San Pawl il-Bahar u ma' jafx fejn qieghed ghax qatt ma' telaq minn tas-Sliema. Hu kien gie Malta mal-mara u t-tifla ta' hdax-il sena, ghal ghaxart ijiem, fejn ghall-ewwel tlett ijiem kien fittex bajjiet vicin ta' fejn kien qieghed joqghod u wara tlett ijiem marru flimkien ghal gurnata San Giljan u marru go Lido, mill-10.00am. L-imputat ipprezenta Dok GSX1 fejn hu jidher fir-ritratti 3 u 4 li huma ritratti taghhom il-Lido. L-imputat kompla jghid li kien mar il-Lido darba biss imma ma' jiftakarx f'liema gurnata. Hu gie arrestat fil-Polonja f'Dicembru 2018 u kien ilu l-habs ghal 4 snin u 5 xhur, a bazi ta' zewg xhieda foloz ta' Antoine Piscopo u impjegat tal-Corinthia li biddel il-verzjoni tieghu. L-imputat qal illi hu mhux hati tal-akkuzi migjuba kontrih. Fil-kontro ezami l-imputat kompla jghid illi waqt illi kien Malta, hu qaghad dejjem tas-Sliema hlief ghal gurnata wahda, fejn kera karrozza u mar Ghawdex mal-familja u kien kera mutur ghal jumejn. Dawn kien krihom minn postijiet differenti f'tas-Sliema. L-imputat qal illi kien kera il-mutur biex it-tifla ma' timxix fis-shana, u l-mara kienet tmur bil-mixi. L-imputat gie muri 'stills' bin-numri 8, 9 u 10 *a fol.* 318 u 319 fejn m'gharafx il-persuna fi 'still' numru 8, izda gharaf lilu nnifsu fi still numru 9 u 10. Gie muri wkoll leasing agreement *a fol.* 331 u l-imputat qal li m'gharafx il-firma tieghu jew in-numru tal-passaport, ghalkemm hu ma' kienx jaf in-numru tal-passaport tieghu bl-amment. L-imputat gie muri zewg stills *a fol.* 336 fejn gharaf lilu nnifsu, fejn qal illi dak il-hin il-mara u t-tifla kienu marru l-flat f'tas-Sliema. L-imputat m'gharafx il-persuna fi 'still' numru 338, u 'still' numru 4 *a fol.* 305 u 306 jidhru zewg persuni izda hu m'gharafhomx u lanqas ma' jaf jekk hux l-istess mutur li kien kera hu, u

[31] Fol. 633 et seq.

li hu biss kien saq dan il-mutur li kera, izda ma jiftakarx il-granet li kera l-mutur.

**Ikkunsidrat**

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta</u>**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Qed issir referenza ghas-sentenza **"Il-Pulizija vs Sandra Grixti"**[32] fejn intqal illi:

"Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit** et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta'prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u lprovikollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

[32] Deciza 30 ta' Mejju 2019 per **Hon. Magistrat Dr. Neville Camilleri,** Numru 1219/2014.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"."*

**<u>Ir-reat ta' serq</u>**

Dwar ir-reat ta' serq il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **'Il-Pulizija vs Jackson Micallef'**[33] fejn intqal:

'Illi l-ligi taghna ma' taghti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq. Il-Qrati taghna madanakollu fil-maggior parti tad-decizjonijiet moghtija dejjem segwew id-definizzjoni moghtija mill-Carrara li s-serq huwa *"La contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro."* Minn hawn johorgu hames elementi ta' dan ir-reat:

1. L-hekk imsejha *"contrectatio"* jew it-tehid ta'oggett;
2. li huwa ta' haddiehor;
3. maghmula b'intenzjoni frawdolenti;
4. minghajr il-kunsens tas-sid;
5. *animo lucrandi* u cioe' bl-intenzjoni li jsir xi forma ta' qliegh.

Fil-Kawza **Pulizija vs Ludwig Bugeja**[34] intqal is-segwenti:

'Il-Kodici Kriminali taghna, ma' taghti ebda definizzjoni dwar id-delitt tas-serq, u ghalhekk, wiehed irid bilfors jaghmel referenza ghal l-awturi u ghall gurisprudenza. Carrara jiddefenixxi s-serq bhala,

*'la contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro'*

---

[33] Deciza 30 ta' Lulju, 2009 **per Hon. Magistrat Dr Edwina Grima, Numru.** 42/2008.
[34] Deciza 28 t'April 2022 **per Hon. Mhallef Consuelo Scerri Herrera,** Appell Nru: 130/2019.

Il-Qrati taghna wkoll addottaw din id-definizzjoni. Fil-kaz fl-ismijiet, il-**Pulizija. v. Felice, (Qorti ta' l-Appelli Kriminali 10/01/1942)** il-Qorti rreteniet illi:

Illi, ghalkemm il-ligi taghna ma' taghtix id-definizzjoni tas-serq, huwa pacifiku fid-dottrina u fil-gurispridenza li s-serq huwa l-kontrettazzjoni doluza ta' haga mobili li ghandha valur, maghmula a dannu u kontra l-volontà tas-sid, bi skop li jsir minnha profitt. In bazi ghal din id-definizzjoni, biex ikun hemm id-delitt ta' serq hemm bzonn il-konkors ta' dawn l-elementi:-

(a) l-impossessament tal-haga;

(b) li dik il-haga tkun ta' haddiehor;

(c) li dak l-impossessament isir kontra l-volontà tas-sid tal-haga;

(d) id-dolo, jigifieri l-iskop li mill-haga misruqa jsir profitt.

Illi, ghalkemm il-ligi taghna ma' taghtix id-definizzjoni tas-serq, huwa pacifiku fid-dottrina u fil-gurispridenza li s-serq huwa l-kontrettazzjoni doluza ta' haga mobili li ghandha valur, maghmula a dannu u kontra l-volontà tas-sid bi skop li jsir minnha profitt.

It-terminu Contrettazione gej mill-kelma latina *contrectatio*, u jfisser illi sabiex ir-reat jigi kkonsumat, hemm bzonn illi l-oggett misruq jiccaqlaq minn postu bil-konsegwenza illi s-sid jew il-possessur ta' l-oggett jigi deprevat minn l-oggett in kwistjoni, u dan minghajr ma' jkun ta' l-kunsens tieghu…..

Inoltre, il-*contrectatio*, trid tkun doluza, ossia, l-oggett irid jinsteraq bl-animu illi jitwettaq reat, ossia l-imputat ried ikun konsapevoli mill-fatt illi huwa qed jikser il-ligi…

Element iehor importanti fir-reat tas-serq, li huwa 'id-dolo', jimplika illi min ikun seraq ,irid ikun se jaghmel akkwist, profitt, jew xi tip ta' tgawdija ghalih nnifsu minn l-oggett, ossia lukru, u dan sabiex jikkonkorru l-elementi tar-reat. Il-lukru jista' jikkosisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew soddisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa. Dan gie kkonfermat fis-sentenza Pulizija vs James Chetcuti (Appelli Kriminali 03/04/1943)...'

**<u>Provi Cirkostanzjali</u>**

Illi fil-Kawza '**Il-Pulizija Vs. Roderick Zahra'** [35], il-Qorti kienet ghamlet analizi dwar il-'presumption of facts' u l-provi cirkostanzjali.

'Fi kliem Sir Rupert Cross,

*'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*[36]

Bhala ezempju ta' prova indizzjarja li minnha wiehed jista' jigbed konkluzjoni partikolari, l-istess awtur jaghti l-ezempju tad-drawwa (habit):

*'The fact that someone was in the habit of acting in a given way is relevant to the question whether he acted in that way on the occasion into which the court is inquiring'.*

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' Archbold jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt:

*'These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw. For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods. In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut the presumption, whereas some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant*

[35] Deciza 15 ta' Frar 2022, **per Hon. Mhallef Dr Consuelo Scerri Herrera,** Appell Nru: 449/2021
[36] Cross, R., Cross on Evidence Butterworths (London), 1979, p. 124. Ikkwotat mill-**Prim Imhallef Vicent Degaetano** fl-Appell Kriminali Inferjuri, 'Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda', Deciz 24 ta' April 2002: Appell Nru 228/2001

*committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: Watson [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in Miell [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused.'*

Illi qed issir ukoll referenza ghall-kawza **'Il-Pulizija vs Abdellah Berrad[37],** fejn il-Qorti qalet is-segwenti;

'Huwa minnu li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati reati. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Jason Lee Borg',** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reati u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li huma l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil- fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil';**

"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika."

---

[37] Deciza fid-19 ta' Mejju 2014 per **Hon. Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera**

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar 1998 fil-kawza fl- ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun'**.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.'

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel (1) akkuza: Artikoli 261, 261(a), 261(b), 261(c), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 276, 277(b), 278(1), 278(2), 279(a), 280(2), 284, 285, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-imputat qed jigi akkuzat li seraq flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur ghad-dannu ta' UDKA Co. Ltd fl-10 t'Awwissu 2018.

Illi mix-xhieda li nghatat kemm waqt l-inkjesta kif ukoll waqt is-smiegh tal-kawza, ma' giex ippruvat minghajr dubju dettat mir-raguni illi kien l-

imputat illi wettaq din is-serqa. Illi d-diversi xhieda li kienu presenti fl-ispizerija St. Simon's Pharmacy u fil-Western Union Branch li tifforma parti mill-istess spizerija, intqal li dahal ragel twil b'parrokka hamra u b'nuccali tax-xemx iswed, pero' l-imputat qatt ma' gie identifikat illi kien hu li ha l-flus mill-Western Union.

L-unika xhud illi identifika lil imputat, kien Antointe Piscopo, u skond ix-xhieda tieghu qal illi ra lil imputat jigri fit-triq fil-vicinanzi ta' fejn twettqet is-serqa, u li f'hin minnhom l-imputat tefghalu xi spray fid-direzzjoni ta' wiccu qabel tela' fuq mutur, (li d-deskrizzjoni tieghu hija bhal mutur li kera l-imputat waqt li kien hawn Malta minn ghand Baron Car Hire) ma' persuna ohra li kienet ta'statura differenti *'qawwi u qasir'*, mill-imputat, u li dawn harbu jigru bil-mutur.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat <u>**ma' gietx ippruvata**</u> sal-grad rikjest mill-Ligi.

**It-tieni (2) akkuza: Artikoli 261, 261(a), 261(b), 261(c), 262(1)(a), 262(1)(b), 262(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 276, 277(b), 278(1), 278(2), 279(a) u 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-imputat qed jigi akkuzat li seraq flus kontanti fit-12 t'Awwissu 2018 liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma' jeccedix il-valur ta' € 2329.37, minn gewwa il-Corinthia Lido fix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan ghad-dannu ta' Five Stars Hotels Limited.

Illi mhix-xhieda moghtija, primarjament minn Isaac Buhagiar u Philip Abela, jirrizulta illi dawn iz-zewg impjegati tal-Lido dahal fuqhom l-imputat, waqt illi dawn kienu qed jghoddu l-flus fl-ahhar tal-gurnata, f'ufficcju li hemm hdejn il-Lido, fejn l-istess imputat kien liebes beritta u nuccali tax-xemx skur, fejn l-istess imputat heddihom, uza *'pepper spray'* fuqhom u wara hatfilhom il-flus, u telaq jigri il-barra mill-istess ufficcju. Ix-xhieda qalu illi l-imputat kien irnexxielu jiehu bejn €500 u € 600, u dan peress illi kien hemm ammont ta' flus ohra li waqghu ma' l-art waqt il-kommossjoni li nqalghet meta' dawn gew aggrediti mill-imputat. Illi z-zewg xhieda gharfu lil imputat fl-awla bhala l-aggressur. Illi minn stills mehuda minn filmati li ngabru minn CCTV's fil-vicinanzi ta' dan l-ufficcju, juru car lil istess imputat liebes il-beritta u n-nuccali deskritti u misjuba fuq ix-xena tar-reat, kif ukoll juru lil istess imputat b'mod car minghajr in-nuccali u l-beritta.

Illi wara din is-serqa, minn CCTV footage pprezentat fl-atti processwali jidher illi intuza l-istess mutur, sabiex l-imputat harab minn fuq il-post ma' persuna ohra mhux maghrufa, li kien mikri mill-imputat stess minghand Baron Car Hire. Dan il-mutur kellu number plate RQZ 223. Illi l-kirja ta' dan il-mutur mill-imputat giet ikkonfermata mix-xhud Shaun Vella (*a fol. 163 et seq*) li gharaf lil imputat u anke prezenta l-leasing agreement u kopja tal- karta ta' l-identita Bulgara u Licenzja tas-sewqan Bulgara (foloz) li juru isem u x-xbieha ta' l-imputat (*a fol.* 165)

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza mijguba kontra l-imputat **giet ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**It-tielet (3) akkuza: Artikoli 86, 87(1)(c), 87(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-imputat qed jigi akkuzat li arresta, zamm jew issekwestra lil Isaac Buhagiar u lil Philip Abela kontra l-volonta taghhom u li gew offizi fuq persunthom jew mhedda bil-mewt u dan sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra.

Illi mix-xhieda ta' Isaac Buhagiar u Philip Abela irrizulta illi l-imputat x'hin dahal fl-ufficcju fejn kienu huma, sabiex jiehu l-flus, hu ghalaq il-bieb warajh kif ukoll hebb ghalihom bil-ponn u beda jbixx il-*'pepper spray'* f'wicchom waqt li beda jitlobhom il-flus. Illi z-zewg impjegati gew ezaminati minn Dr Adrian Mifsud ftit wara fl-isptar Mater Dei, fejn gew iccertifikati illi qed isofru minn griehi hfief. Illi x-xhieda taz-zewg impjegati hija identika u jikkorroboraw il-fatti li graw, li bihom qed jigi akkuzat l-imputat.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza mijguba kontra l-imputat **giet ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Ir-raba' (4) akkuza: Artikoli 214, 215, 221(1), 221(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

L-imputat qed jigi akkuzat illi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Isaac Buhagiar u Philip Abela f'periklu car, ikkagunalhom griehi ta' natura hafifa.

Illi kif xehdu kemm Isaac kif ukoll Philip meta saret l-aggressjoni mill-imputat, dan uza l-*'pepper spray'* fejn laqathom f'wicchom u f'ghajnejhom u dan gie ccertifikat minn Dr Adrian Mifsud, fejn fix-xhieda tieghu it-tabib ikkonferma illi kien ezamina lil Isaac u lil Philip f'Mater Dei, fit-12 ta' Awwissu 2018 bejn 6.10pm u 6.20pm, fejn it-tnejn li huma kellhom irritazzjoni f'ghajnejhom li tigi ikkawzata b'kimika, possibilment *'pepper spray'*. L-istess tabib iccertifika (Dokumenti JG1 u JG 2 *a fol.* 22 u 23) illi kemm Isaac u kemm Philip kienu qed isofru minn griehi hfief.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza mijguba kontra l-imputat **giet ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Il-hames (5) akkuza: Artikoli 55(a) tal-Att Dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-imputat qed jigi akkuzat illi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari.

Illi mix-xhieda ta' Isaac Buhagiar u Philip Abela, gie ikkonfermat illi l-imputat uza il-*'pepper spray'* fuqhom waqt li kien qed jaggredihom sabiex iwettaq is-serqa tal-flus li kellhom fl-ufficcju taghhom u li dan gie kkonfermat minn Dr Adrian Mifsud fix-xhieda tieghu.

Illi taht Skeda I, Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, taghti definizzjoni bhala armi pprojbiti, kull forma ta' gass ta' dmugh, jew fit-test bl-Ingliz deskritt bhala **'all forms of tear gas'.**

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza mijguba kontra l-imputat **giet ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Is-sitt (6) akkuza: Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Passaporti, tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u is-seba (7) akkuza: Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'karta ta' l-identita' Bulgara u/jew f'dokument f'isem Goran Stoyanovski jew kellu ghandu l-istess karta t'identita' jew dokument li hu kien jaf li gie iffalsifikat, imbidel jew sar tibdil fih, kif ukoll illi ghamel

falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument/i ohra ffalsifikat, mhux specifikament imsemmija f'artikoli specifici tal-Ligijiet relattivi ta' Malta.

Illi mix-xhieda ta' l-iSpettur Joseph Mercieca kif ukoll dik ta' Shaun Vella tal-Baron Car Hire (*a fol. 163 et seq.*), hareg b'mod car illi l-imputat kien qed jaghmel uzu minn karta ta' identita' u licenzja tas-sewqan Bulgari li kienu foloz. Dan il-fatt gie anke ivverifikat skond id-dokument ipprezentat in atti *a fol. 20 u 23*, fejn gie ddikjarat illi dik il-Karta ta' l-identita' Bulgara ma' tezistix. Illi b'ammissjoni tieghu stess waqt l-istatement li ta' l-imputat, huwa ddikjara illi m'ghandux licenzja tas-sewqan.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza mijguba kontra l-imputat **giet ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**It-tmien (8) akkuza u id-disgha (9) akkuza : Artikolu 32(1)(d)(f) tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat ukoll illi iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta' dokument jew registrazzjoni maghmula skond l-Att Dwar l-Immigrazzjoni Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll illi minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pusses tieghu xi dokument mehtieg ghal-finijiet ta' l-Att Dwar l-Immigrazzjoni Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mix-xhieda *su riferita* u cioe' dik ta' l-iSpettur Joseph Mercieca u Shaun Vella, u mill-istatement ta' l-imputat stess, kif ukoll mid-dokumentazzjoni prezentata fl-atti processwali specifikatament ***a fol.*** 20, 23 u 165, u cioe' illi l-imputat kien qed juza u kellu fil-pusess tieghu dokumenti iffalsifikati, il-Qorti hija konvinta illi t-tmien (8) u d-disgha (9) akkuza **gew ppruvati** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**L-ghaxar (10) akkuza: Artikolu 3(a) u 51(b) tal-Att Dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi akkwista, kellu fil-pussess tieghu ghal-liema ghan jkun, zamm jew importa arma regolari u/jew munizzjon, cioe'

‘*pepper spray*’, li huwa projbit taht l-Iskeda I tal-Kapitolu 480, Att Dwar l-Armi, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi kif diga’ inghad fir-rigward t’akkuza numru tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5), skond ix-xhieda ta’ Isaac Buhagiar u Philip Abela, jirrizulta b’mod car illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu l-‘*pepper spray*’ u li dan uzah fuq iz-zewg xhieda waqt illi kien qed jikkommetti reat.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-akkuza mijguba kontra l-imputat **giet ppruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Il-hdax (11) akkuza: 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

L-imputat qed jigi akkuzat li rrenda ruhu recidiv permezz ta’ sentenzi definittivi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati fir-Repubblika tal-Macedonia.

Illi l-Prosekuzzjoni infurmat lil Qorti, qabel ghalqet il-provi, illi ghalkemm gew mibghuta l-ittri rogatorji sabiex jintbaghtu sentenzi moghtija fil-konfront ta’ l-imputat, mir-Repubblika tal-Macedonja, dawn qatt ma’ ntbaghtu jew inaghtat xi forma ta’ risposta lil Prosekuzzjoni, u ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqqset milli ggib din il-prova fil-konfront ta’ l-imputat, u ghalhekk din l-akkuza **ma’ gietx ippruvata** sal-grad rikjest mill-Ligi.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, qed **tillibera lil imputat minn imputazzjoni numru wiehed (1) u numru hdax (11)**, u wara li rat l-Artikolu 7, 17, 31, 86, 87(1)(c)(e), 189, 214, 215, 221(1)(2), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 274(c), 275, 276, 277(b), 278(1)(2), 279(a) u 280(2) tal-**Kapitolu 9**, kif ukoll Artikolu 3(a), 51(1)(b) u 55(a) tal-**Kapitolu 480**, kif ukoll Artikolu 5 tal-**Kapitolu 61** u Artikolu 32(1)(d)(f) tal-**Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta**, qed issib lil **imputat hati ta’ imputazzjoni numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4), hamsa (5), sitta (6), sebgha (7), tmienja (8), disgha (9) u ghaxra (10),** u qed tikkundannah ghal piena ta’ hames (**5) snin prigunerija effettiva** u ghal hlas ta’ multa ghas-somma ta’ elf Euro (€ 1,000).

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lil **hati Goran Stojanovski** sabiex b'mod immedjat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' erbat elef sitt mija u tnax-il Euro u hames centezmi (€ 4,612.05).

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat